Kunsill tal-UE

PRESS
MT

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
543/17
09/10/2017

# Id-data miftuħa toħloq servizzi diġitali aħjar għaċ-ċittadini

Il-Kunsill stabbilixxa l-politika tiegħu dwar id-data miftuħa billi stipula l-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill.

Din il-politika ser ittejjeb il-fluss tal-informazzjoni bejn il-Kunsill u l-pubbliku. Dan ser jgħin biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun tista' tintuża mill-ġdid kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

> "Id-data miftuħa għandha tkun sors affidabbli ta' informazzjoni għaċ-ċittadini u għandha toffri benefiċċji għall-kumpanniji. It-trasparenza u d-diġitalizzazzjoni huma taħlita ta' suċċess biex jiżdied l-aċċess għall-informazzjoni fis-suq intern."
>
> *Matti Maasikas, Viċi Ministru Estonjan għall-Affarijiet tal-UE*

Id-deċiżjoni l-ġdida tikkonkretizza l-prinċipju li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jużaw mill-ġdid l-informazzjoni fid-dokumenti tal-Kunsill mingħajr ħlas u mingħajr il-ħtieġa li jsiru talbiet individwali.

Il-politika tal-Kunsill dwar id-data miftuħa ser tiġi applikata f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u r-regoli dwar is-sigurtà għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE.

L-iżvilupp tagħha ser ikun iffaċilitat permezz tal-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE, li għandu l-għan li jsir punt uniku ta' aċċess għal data mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

Dan il-portal fih għadd kbir ta' settijiet ta' data u links għal portali tad-data miftuħa tal-istati membri tal-UE.

Il-Kunsill ilu jieħu sehem f'din l-inizjattiva mill-2015 bl-użu ta' dawn it-tliet settijiet ta' data:

- il-metadata tar-reġistru pubbliku tal-Kunsill
- Il-metadata tat-talbiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill
- il-votazzjonijiet tal-Kunsill b'rabta mal-atti leġislattivi.

Id-dritt ta' aċċess għal dokumenti tal-Kunsill jibqa' rregolat bir-Regolament 1049/2001.

L-informazzjoni tas-settur pubbliku hija sors importanti ta' għarfien u innovazzjoni fis-settur privat, li jappoġġa l-ħolqien ta' servizzi diġitali aħjar għaċ-ċittadini u l-kumpanniji madwar l-Ewropa.

Id-deċiżjoni ttieħdet mingħajr diskussjoni f'laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd.

- Deċiżjoni dwar politika tad-data miftuħa tal-Kunsill u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill
- Portal tad-Data Miftuħa tal-UE: Settijiet ta' data tal-Kunsill

**Press office - General Secretariat of the Council of the EU**
Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319
press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press